# IL-BELT VICTORIA

*RIVISTA MAĦRUGA MILL-PARROCCA TA' SAN ĠORĠ • GĦAWDEX*

**Lulju • Awissu 1993** *Nru. 73*


*Il-Kelma ta' l-Arċipriet*

## "IL-FESTA... MUMENT QAWWI TA' L-ISPIRTU"

Għeżież

Ta' kull sena, kif joqrob is-sajf, u miegħu joqrob ukoll l-istaġun tal-festi, wieħed jibda' jisma' ħafna argumenti, uħud favur u oħrajn kontra l-festi li jsiru f'pajjiżna. Issib persuni li jgħidulek li fuq l-għatba tas-seklu wieħed u għoxrin, il-festi ma għandhomx iżjed post fil-kalendarju tal-pajjiż. Oħrajn, mill-banda l-oħra, il-festa tiġi l-ewwel u qabel kollox, u tarahom jissaħħnu jekk il-Parroċċa tipprova tnaqqas jew tbiddel xi ħaġa minn dak li kien soltu jsir minn żmien żemżem.

Filwaqt li ma għandna naqblu qatt ma' din it-tieni kategorija ta' nies, huma meħtieġ li nifhmu li, dawk li jtennu li l-festi għadda żmienhom, huma fl-iżball.

Il-festa hija waħda mill-espressjonijiet ta' l-ispirtu komunitarju tal-bniedem. Ma nkunux niżbaljaw meta ngħidu li fir-reliġjonijiet kollha, il-festa hija dak l-element essenzjali tal-kult. Permezz tal-festa, il-poplu jiċċelebra bil-ferħ il-ġrajjiet tal-ħajja tal-qaddis, jrodd ħajr lil Alla u jitolbu xi grazzja li jkun jeħtieġ.

Nistgħu ngħidu li l-festa għandha fundament bibbliku. Difatti anke fit-Testment il-Qadim, jissemmew diversi festi tal-Poplu t'Alla. Minħabba f'hekk il-Knisja organizzat il-festi mżewwqa b'manifestazzjoni esterjuri u popolari u daħħlithom fil-Kalendarju Liturġiku tagħha.

Iżda, kif igħid wisq tajjeb id-Dokument Pastorali tas-Sinodu Djoċesan ta' Għawdex dwar "is-Sens Nisrani tal-Festi":

"Il-festa nisranija għandha sens biss jekk tkun, kif suppost tkun,
'Mument qawwi ta' l-ispirtu li jrid jgħix mill-ġdid ir-rikkezzi
kbar tal-fidi'. Jekk il-festi ma jwasslux għal-laqgħa privileġġjata
ma' Alla.......il-festi jiġu żvojtati mill-veru skop tagħhom".

Jiena ċert li l-ebda Ġorġjan ma jrid li l-festa li aħna ta' kull sena nagħmlu lill-Patrun ta' Għawdex, il-Megalomartri San Ġorġ, tiżvojta ruħha mill-veru skop tagħha, u għalhekk huma meħtieġ li nagħmlu minn din il-festa mument qawwi ta' l-ispirtu". Għalhekk isiru l-funzjonijiet fil-Knisja: il-Għasar kantat, il-priedka tat-Tridu u l-Paniġierku, iċ-Ċelebrazzjonijiet Ewkaristiċi, il-quddies. Fihom aħna niġu wiċċ imb'wiċċ ma' dawk l-affarijiet kollha li għadda minnhom San Ġorġ, nammiraw il-kobor ta' l-imħabba tiegħu lejn Alla, u nħossuna mbuttati biex nimitawh fil-ħajja tagħna ta' kuljum.



*ikompli f'paġna 2*

**IL-W.R. MONS. SALV BORG**
Arċipriet tal-Kolleġġjata Bażilika ta' San Ġorġ
jistieden lill-Komunita' Parrokkjali kollha
għall-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr
li ser jiċċelebra f'għeluq
il-25 Anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu
nhar it-Tnejn, 12 ta' Lulju 1993 fis-6.30p.m.
fil-Bażilika ta' San Ġorġ

IL-BELT
VICTORIA
RIVISTA TA' KULL XAHREJN
Uffiċċju Editorjali
CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ
Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA' PARROKKJALI

22.05.93 REBEKAH-MARIE, bint Ignatius Attard u Mary Grace nee' Grech
23.05.93 NICHOLAS, iben Anthony Formosa u Anna Marie nee' Cauchi
29.05.93 KATIA, bint Mario Mizzi u Liliana nee' Fenech
20.06.93 CHANTELL, bint George Azzopardi u Martha nee' Buttigieg

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ZWIEĠ

29.05.93 Dr. Joseph Farrugia M.D. u Miriam Farrugia
30.05.93 Ewkaristiku Camilleri u Crocefissa Azzopardi
05.06.93 Dr. Anton Grech M.D. u Marla Vassallo
06.06.93 Michael George Galea u Frances Galea
12.06.93 Pasquale Vella (Żebbuġ) u Giovanna Cordina
03.07.93 Dr. Franco Mercieca M.D.(Qala) u Patricia Scerri

## MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

11.06.93 Maria Buttigieg
15.06.93 Clementina Galea

## Il-Kelma ta' l-Arċipriet

*jaqbad mill-paġna ta` quddiem*

Ejjew nieħdu sehem attiv f'dawn il-funzjonijiet kollha li jsir fil-Bażilika Ejjew inkunu ta' eżempju, b'mod speċjali għall-uliedna ż-żgħar, ħalli anke huma jitilgħu japprezzaw il-Festa, u jaraw il-veru valur tagħha. Ejjew inkunu minn ta' quddiem biex fuq l-eżempju ta' San Ġorġ inkunu mimlija b'imħabba lejn għajrna, b'mod speċjali fil-Kampanja ta' Ġenerożita' li tiġi organizzata f'dawn il-jiem.

U ejjew ukoll nieħdu sehem fil-Festi ta' Barra, li l-Banda La Stella torganizza b'sagrifiċċji mhux żgħar. Ejjew nifirħu u nieħdu gost, bla ma nweġġgħu lil ħadd; ejjew nagħmlu festa li tkun denja tal-Patrun tagħna, u li tgħin lil kull min jieħu sehem fiha jersaq iżjed lejn San Ġorġ, u permezz tiegħu lejn Alla.

Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.

**Mons. Salv Borg**
*Arċipriet*

# EDITORJAL

## VIVA SAN ĠORĠ

Waqt li qed taslilkom din il-ħarġa tar-rivista tagħna, il-Belt Victoria tkun ġa mlibbsa għall-festa popolari tal-kbir martri San Ġorġ - Patrun tagħna u tal-gżira Għawdxija.

Matul il-ġimgħa tal-festa l-Bażilika tagħna wkoll tkun imżejjna biex niċċelebraw kif jixraq il-festa tagħna. Fil-funzjonijiet liturġiċi u fl-attivitajiet kollha li ser jiġu organiżżati l-komunita' parrokkjali tieħu sehem bi ħġarha. U bir-raġun! San Ġorġ huwa l-qaddis li, minkejja kull tfixkil jew tilwim matul ħajjitna, jgħaqqadna flimkien. L-għajta ta' Viva Ġorġi li tidwi mat-toroq ta' beltna f'dawn il-jiem tagħmilna lkoll kemm aħna kburin li niffurmaw parti minn din il-komunita' parrokkjali. Waqt li ngħajtu u nifirħu, lil San Ġorġ nitolbuh jgħinna nkomplu ngħixu l-ħajja verament nisranija kif għamel hu. Nitolbuh jgħatina l-għajnuna biex bħalu u fuq l-eżempju tiegħu, anke jekk ikollna nbatu, ma nichdu qatt it-twemmin tagħna.

F'dawn il-ġranet niftakru wkoll fl-għajta ta' Viva Ġorġi li l-emigranti tagħna żgur li jlissnu matul din il-ġimgħa. Huma, permezz tar-rivista tagħna, żgur li qed iġibu quddiem għajnejhom il-ġawhra ta' statwa li għandna, merfugħa fuq l-idejn tal-ġorġjani fost il-ferħ u l-briju u magħna jgħajtu bil-ferħ 'Viva Ġorġi'. U lil San Ġorġ nitolbuh ukoll biex iħares lil dawn ħutna li qed jgħixu f'art barranija ħalli jagħtihom il-kuraġġ biex bħalu sa l-aħħar jistqarru l-fidi nisranija.

Waqt li nlissnu Viva Ġorġi niftakru wkoll f'dawk il-membri tal-komunita' parrokkjali li matul din is-sena ħallew dan il-wied tad-dmugħ u nitolbuh lil San Ġorġ biex jgħin lil dawk li ħallew warajhom u biex lilhom ma jdumx ma jarahom igawduh fis-sema.

J'Alla l-għajta ta' Viva Ġorġi tkun għajta ħierġa minn qalb mimlija mħabba sinċiera lejh u lejn Alla biex matul il-festa nkomplu nħeġġu dik l-imħabba biex nkunu nistgħu nfasslu ħajjitna fuq ħajtu u żgur ikun jistħoqqilna li ngawduh fis-sema pajjiżna.

## ABBATI MILL-BAŻILIKA TAGĦNA GĦAL SERVIZZ F'SAN PIETRU



Nifirħu lil MARIO GEORGE CASSAR, Prefett tal-Abbatini tal-Kolleġġjata Bażilika ta' San Ġorġ li ġie magħżul sabiex ikun wieħed miż-żewġ abbatini li ser jingħaqdu ma' 23 abbati ieħor Malta u jagħtu s-servizz tagħhom fil-Bażilika ta' San Pietru f'Awissu - Settembru li ġej. Nawgurawlu li jkollu esperjenza sabiħa u ta' ġid.

# San Ġorġ Martri fil-Kalendarju Ruman

Mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap

### Ir-Riforma tal-Kalendarju

L-approvazzjoni tar-riforma tal-Kalendarju tal-Vatikan it-Tieni saret fl-14 ta' Frar 1969 bil-moyu propju tal-Papa Pawlu VI "Mysterii Paschalis". Fil-paragrafi għaxra u ħdax ta' din l-Ittra Apostolika mogħotija fid-data msemmija fil-ħdax-il sena tal-potifikat tal-Papa Pawli VI naqraw: *"Le memorie dei santi, tra cui bisgna segnalare il 'Natale' dei nostri signori i martiri e i vincitori', feste che brillano tutte di un splendore particolare. Le feste dei santi infatti proclamano le meraviglie di Cristo nei suoi servi e propongono ai fedeli opportuni esempi da imitare"*. Bil-Malti dan ifisser:"It-tifkiriet tal-Qaddisin li fosthom turi t-'Twelid' tas-sinjuri tagħna l-martri u r-rebbieħa" festi li jiddu kollha b'dija partikolari. Difatti l-festi tal-qaddisin ixandru l-għeġubijiet ta' Kristu fil-qaddejja tiegħu u jipproponu lill-fidili eżempji sewwa biex iħarsuhom"(1)

San Ġorġ li ismu kien dejjem fil-kalendarju Ruman, fir-riforma li saret "ismu" baqa' jidher f'dan il-kalendarju. Hekk li min jiftaħ l-imsemmi kalendarju fit-23 ta' April isib imniżżel "S. Georgius M."

Fil-Uffiċċju Divin imġedded b'digriet tal-Konċilju Vatikan II, u mxandar bis-setgħa tal-Papa Pawlu VI fil-Liturġija tas-Siegħat skond ir-Rit Ruman li ħarġet il-Kummissjoni Liturġika tal-Provinċja Ekkleżjastika Maltija fl-1976 f'paġna 1735, 23 ta' April tifkira (f'Għawdex 'O') ta' San Ġorġ, Martri. Fl-imsemmija paġna nkomplu naqraw:"Sa mis-Seklu IV kien ġie meqjum f'Diospoli tal-Palestina fejn kien hemm knisja ddedikata f'ismu, u l-kult tiegħu ilu li xtered fil-lvant u l-punent minn żmien qadim ħafna".(2)

### Kitba 'FALZA' Kontra San Ġorġ - Ismu fil-Kalendarju Ruman

F'Marzu ta' l-1961 fl-Italja kienu kitbu f'xi ġurnali (ara fosthom 'Il-Tempo' tal-31 ta' Marzu 1961) li s-Sacra Congregazione dei Riti neħħiet lil San Ġorġ mill-Kalendarju Universali tal-Knisja għaliex mhux qadfdis, qatt ma eżista u ismu mhux storikament ta' persuna ċerta.

Dan it-tagħrif 'FALZ' qajjem impressjoni straordinarja fl-Italja u fin-nazzjonijiet kollha billi San Ġorġ hu meqjum fil-Knisja kollha ta' Ġesu' Kristu. Min ivvinta din l-aħbar u għal liema skop għamilha ma nafux; imma lill-istampa li l-missjoni tagħha hija li tgħid il-verita', ma jagħmliliex unur.

Dak it-tagħrif kien 'FALZ' għaliex is-Sacra Congregazione 'MA KITBITX' dik in=nota u kulħadd jista' jara fil-Kalendarju Universali tal-Knisja, u fil-Kodiċi ġdid tar-rubriki li għat-23 ta' April hemm it-Tifkira ta' San Ġorġ Martri.(3) Fil-Calendarium Breviarii et Missalis Romani: 23 Aprilis Commemoratio S.Georgi. Fil-Kalendarju, Brevjar u Missal Ruman: 23 ta' April Tifkira ta' San Ġorġ.(4)

Biex inkompli nsaħħaħ dak li qiegħed nikteb dwar San Ġorġ li ismu jinsab fil-Kalendarju Ruman tal-Knisja, min jiftaħ dan il-kalendarju ta' din is-sena (1993) fit-23 ta' April isib imniżżel l-isem ta' San Ġorġ M.(5)

### Kitba Dwar San Ġorġ

Speċjalista fil-Liturġija Orjentali - Georges Gharib, dwar San Ġorġ kiteb:"San Ġorġ huwa fost il-qaddisin l-iktar meqjuma fil-knejjes kollha ta' l-Insara. Għex fi żmien Diokleżjanu (286-305). Missieru ġej mill-Kappadoċja, kien Uffiċċjal ta' l-eżerċtu Ruman; ommu mill-Palestina, ġejja minn Lidda fejn kellha ħafna ġid. Ta' għoxrin sena tilef lil missieru u ftit wara lil ommu. Dioklezzjanu kien ħada kontra l-insara. Ġorġi mexa fuq il-passi ta' missieru fil-karriera militari, ma felaħx kontra l-masskru ta' sħabu fir-reliġjon, u ma beżax jeħodha mat-tirann. Sofra ħafna tbatijiet, irrifjuta li jagħti qima lill-idoli, u li jħalli lil Kristu. Ħa ħafna tormenti u għamel kuraġġ lill-insara u kkonverta ħafna pagani. Fl-aħħar rasu ġiet maqtugħa. Dan ġara fis-sena 303.

Qabel ma miet ħalla qaddej tiegħu biex jieħu ħsieb tal-fdalijiet tiegħu u jeħodhom fil-Palestina. He hekk sar. Is-"Sinassario" tat-3 ta' Novembru hekk jgħid: Meta Kostantinu sar nisrani d-devoti tal-qaddis bnew f'Lidda knisja wisq sabiħa. Il-ġisem tal-qaddis ġie poġġut fiha. Id-dedikazzjoni tal-knisja u t-tpoġġija tal-ġisem saru fit-3 ta' Novembru fejn saru ħafna mirakli, fejn Kristu jonura l-qaddej tiegħu. Minn dak iż-żmien il-knisja t'Alla ta' kull sena tfakkar it-Translazzjoni."

Ir-Relikwi tal-qaddis huma nħarsa bir-reqqa f'Lidda tal-Palestina, u kienu sofrew mill-ħakma ta' l-Għarab. Ħafna xterdu, u mal-medda tas-sekli issa jinsabu fl-erba' irkejjen tad-dinja nisranija. Sa mis-seklu VIII r-ras tiegħu (Cranio-Qurrija) tinsab fil-knisja rumana ta' San Giorgio in Velabro.

Il-Qima tal-qaddis kellha tixrid straordinarju fid-dinja kollha nisranija. Fil-lvant ismu huwa fost dawk l-iktar mogħti fil-magħmudija; ħafna knejjes u santwarju jġibu ismu. Ismu jġibuh ukoll nazzjonijiet u ħafna organiżżazjonijiet ċivili u reliġjużi. Fil-punent il-qima lejh dritt daħlet u kibret ħafna fi żmien il-Kroċjati. Mirbuħa l-Palestina, il-kroċjati bnew mill-ġdid il-knisja tal-qaddis f'Lidda. Għal dan iż-żmien jidher il-karattru militari tal-qaddis u t-tixrid tal-ġrajja tat-tfajla meħlusa mid-dragun. Din il-ġrajja hija ta' Jacopo da Varagine fil-'Leggenda Aurea' xterdet ukoll fil-lvant u saret suġġet favorit fl-ikonografija tal-qaddis.

Il-festa ta' San Ġorġ issir fil-knejjes kollha fil-lvant u fil-punent. Il-knisja Biżantina tiċċelebra l-qaddis darbtejn: l-ewwel fit-23 ta' April, id-data tal-mewt; it-tieni fit-3 ta' Novembru, data tat-Translazzjoni tar-relikwi u d-dedikazzjoni tal-knisja f'Lidda li ġrat madwar is-sena 330 taħt l-Imperatur Kostantinu.

Il-festa l-kbira hija dik ta' April. Fil-liturġija Biżantina nsibu "Agripnia" (sahra bil-lejl) u puċissjoni solenni. L-innijiet huma tassew rikki u abbundanti. Huma opra bejn wieħed u ieħor ta' Anatolio (Seklu VIII), Giovanni Monaco, jew Damascenu (M.845).

Il-qaddis huwa ċċelebrat bħala l-ħellies tal-priġunieri, difensur tal-fqar, tabib tal-morda, għajnuna lir-rejjiet. Huwa msejjaħ 'MEGALOMARTRI'; il-kotba liturġiċi juru x-xiehda li ta għal Kristu billi ħares ir-reliġjon nisranija. Billi huwa suldat huwa jagħmel parti mil-ġemgħa tal-qaddisin militari.

Innu, hekk jiċċelebraħ: Billi kellu jħares il-korazza tal-fidi, it-tarka tal-grazzja u l-lanza tas-salib, int issuperajt l-attakki ta' l-għadu, u bħala eroj ħarrabt l-assalti qerrieda tax-xjaten ma l-anġli ferħana u qaddes lil dawk li jemmnu, għin u ħares lil dawk li jiġu għandek". L-isem Ġorġ ifisser bidwi u ħaddiem ta' l-art u b'hekk il-figura tiegħu tixraq biex tkun meqjuma.

L-ikonografija tal-qaddis hija rikka u varjata ħafna. Ix-xbiehat l-iktar qodma juruh bħala żgħażugħ, bla leħja, imlibbes ta' suldat, waħdu jew fil-kumpanija ta' qaddisin militari. Ħafna mill-ikoni jdawru l-figura tiegħ b'ħafna episodji meħuda minn ħajtu u mill-leġġenda ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel jeħodha mad-dragun li dehret fis-seklu XII. Il-bidu ta' din ix-xena kellha tifkira simbolika u kienet ispirata mill-kapitlu XII ta' l-Apokalissi, imma l-immaġinazzjoni spiċċat biex tara fiha episodju storiku mill-ħajja tal-qaddis.(6)

*ikompli f'paġna 6*

*Dħalt kemm il-darba fil-Bażilika ta' San Ġorġ, u bla ma ridt għajnejja taru 'il fuq lejn dik il-meravilja ta' Iwien l-arzelel u stħajjilthom erba' djamanti ngastati fit-trufijiet ta' kuruna dehbija. Meddejt ħarsti lejn is-saqaf u s għajnejja telgħu jixxabtu mat-Tribuna Maestuża li tiksi l-artal il-maġġur, ħarsti waqfet imbellħa fuq il-kopp*

# KURUNA TA' GLORJA U ĠM

### L-EWWEL KWADRU

***Exivit vincens ut vinceret Ħareġ Rebbieħ biex jirbaħ***
(APOK. 6,v. 2)

Biex isalva lill-bniedem, Ġesu Kristu kellu jikkumbatti u jirbaħ lid-demonju. Għalhekk, il-profeti ħabbruħ bħala GWERRIER REBBIEĦ.

Fl-Apokalissi deher lil San Ġwann bħala l-Gwerrier riekeb fuq żiemel abjad: b'arma f'idu, għax ħareġ jikkumbatti, ċert mill-vittorja u għalhekk qed jirċievi kuruna.

Ġesu' ikkumbatta u rebaħ fil-ħajja u jkompli jikkumbatti u jirbaħ fil-knisja tiegħu matul is-sekli kollha.

San Ġorġ fehem li ħajtu kellha tkun ġlieda kontinwa f'isem Kristu. Hu ħareġ jiġġieled lix-xitan, lid-dinja u lilu nnifsu. U ħareġ rebbieħ, u minħabba f'hekk jakkwista mingħand Alla l-Kuruna tar-Rebħa.



### IT-TIENI KWADRU

***Vincenti Dabo Manna Absconditum Min jirbaħ nagħtih mill-Manna Moħbija***
(APOK. 6, v. 17)

Il-manna kien dak l-ikel misterjuż li niżel mis-Sema biex imantni l-poplu t'Alla fid-deżert. Kien ikel delizzjuż. Dak l-ikel tas-sema jfisser: (a) l-Ewkaristija, imsejħa Ħobż tas-Sema; (b) it-tgawdija mal-qaddisin fis-sema li dwarha Ġesu' qal:"Inlestilkom il-post biex tieklu u tixorbu fuq il-mejda tiegħi, fis-Saltna tiegħi".

Għalhekk, lil min jirbaħ, Ġesu' jwiegħdu l-ħlewwa li tgawdi r-ruħ fl-Ewkaristija u magħha t-tgawdija tal-ġenna fil-ħajja eterna. Dan il-messaġġ tat-tieni kwadru huwa figura li taqbel lill-Qaddis Martri San Ġorġ, li rebaħ il-ħażen tad-dinja u issa qed igawdi l-hena ta' dejjem fil-ġenna.



### IT-TIELET KWADRU

***Vincenti Dabo Edere De Ligno Vita Lil Min Jirbaħ Nagħtih Jiekol Mis-Siġra tal-Ħajja***
(APOK. 2, v 17)

Is-siġra tal-ħajja, kif jaħsbu bosta, kienet imżejna b'virtu' misterjuża, biex iżżomm lill-bniedem dejjem b'saħħtu, imbiegħed mill-mewt u mill-mard.

Il-frott tas-siġra tal-ħajja ifisser il-frott tal-*f*idwa li ġiet kompluta fuq is-Salib. Dan l-frott fid-dinja hu l-Grazzja, li tagħti lir-ruħ il-ħajja soprannaturali; fis-Sema hu l-Glorja li tagħti l-Ħajja Eterna. għalhekk lil min jirbaħ Ġesu' jwiegħdu l-ħajja tal-Grazzja fid-dinja u t-tgawdija eterna fis-sema.

San Ġorġ ukoll kien imżejjen bil-grazzja f'din id-dinja u wara l-ħajja tiegħu f'din l-art qed igawdi l-Grazzja fil-Ħajja Eterna.



### IR-RABA' KWADRU

***Qui vicerit non laeditur a morte secunda Min jirbaħ ma jiġix minsus mit-Tieni Mewt***
(APOK. 2, v. 11)

Meta dineb Adam, daħlet fid-dinja l-mewt. Il-mewt tal-ġisem għax il-bniedem tilef il-privileġġ ta' l-immortalita'. U daħlet ukoll il-mewt tar-ruħ, jiġifieri d-dnub li jġib miegħu t-telfien ta' dejjem.

Ġesu' fdiena billi ħelisna mhux mill-mewt tal-ġisem, imma mill-mewt tar-ruħ. Ġesu' jwiegħed lil kull min joħroġ rebbieħ, li jiġi meħlus mid-dnub u mit-tbatija ta' dejjem.

San Ġorġ ħareġ rebbieħ fil-ġliediet kollha tiegħu, u għalhekk jiġi mogħti minn Kristu nnifsu l-ħelsien mit-Tieni Mewt, jiġifieri mit-tbatija eterna.



*il-qawsalla, li l-Profs. Giovanni Battista Conti rnexxielu jżewwaq b'ħila u maestrija liema bħala. Ħarist lejn tħajjiltni sibt post ġewwa l-ġenna, fost kori ta' Anġli, u xirkiet ta' Appostli u bnedmin qaddisa. Iżda hekk kif la setgħana, u bla ma ridt ħarġitli minn fommi l-għajta*

# IEL FUQ RAS IR-REBBIEH

## IL-ĦAMES KWADRU

***Qui vicerit dabo de fonte aquae vitae***
***Min jirbaħ nagħtih jixrob mill-għajn ta' l-ilma tal-ħajja.***
(APOK. 3, v. 21)

Ġesu' huwa l-Għajn ta' l-Ilma tal-Ħajja u minħabba f'hekk qal: "Min hu bil-għatx, jiġi għandi u jixrob".

L-Ilma tal-Ħajja jfisser l-ewwelnett, il-hena tal-Grazzja t'Alla. Kien f'dan is-sens li Ġesu' qal lis-Samaritana: "Kieku għaraftni kont titlobni nagħtik tixrob, u Jiena kont nagħtik ilma li min jixrob minnu ma jtih qatt il-għatx". L-Ilma tal-Ħajja jfisser ukoll it-tgawdija tal-Ġenna bħalma qal San Ġwann fl-Apokolassi tiegħu: "........Il-Ħaruf jieħu l-qaddisin jixorbu mill-għejjun ta' l-ilma.

Għalhekk lil min jirbaħ, bħalma rebaħ kull tiġrib San Ġorġ, iwiegħdu l-hena li tgawdi r-ruħ meta tkun fil-grazzja u l-feliċita' eterna tas-sema.



## IS-SITT KWADRU

***Qui vicerit vestietur Vestimentis Albis***
***Min jirbaħ jiġi mlibbes Libsa Bajda***
(APOK. 3, v. 5)

Il-Libsa Bajda tfisser il-ġmiel tal-Grazzja t'Alla fuq il-bniedem fid-dinja u d-dija tal-Glorja fil-ġenna.

Fil-ħajja tagħna fuq l-art ir-ruħ tal-bniedem fil-Grazzja t'Alla issir tant sabiħa li tkun tixbaħ lil Alla. Fil-Ġenna, imbagħad, il-beati huma mżejnin bid-Dija tal-Glorja ta' Alla, li hija parti mis-sehem tagħhom fil-Glorja ta' dejjem.

San Ġorġ, il-patrun għażiż tagħna, imżejjen bil-grazzja t'Alla fuq l-art, rebaħ kull tiġrib, u Alla, kif wiegħed, libbsu l-ġmiel tal-Ħajja ta' dejjem.



## IS-SEBA' KWADRU

***Qui vicerit faciam illum columnam in tempio***
***Min jirbaħ nagħmlu kolonna fit-tempju***
(APOK. 3, v. 12)

Min jirbaħ il-ġlieda kontra l-qawwiet tal-ħażen, Alla jagħmlu kolonna fit-Tempju tiegħu.

Il-Kolonna għandha tlett tifsiriet:

i) Il-Kolonna hija xi ħaġa li ma titħarrikx, u għalhekk min jirbaħ jiġi mogħti d-don tal-perseveranza.

ii) Il-Kolonna tirfed it-Tempju. Min jirbaħ ikun ta' ġid mhux biss għalih innifsu imma wkoll għall-oħrajn, għax jirfed il-virtujiet tagħhom bil-kliem, bit-talb u bl-eżempju;

iii) Il-Kolonna hija xi ħaġa sabieħa u maestuża. Min jirbaħ, għalhekk ikun kbir u glorjuż fis-Sema.

U lil San Ġorġ jixraqlu dan il-kliem, għax rebaħ u kien perseveranti, għamel il-ġid lilu nnifsu u l-eżempju tiegħu jkaxkar, u l-glorja tiegħu fis-sema u fl-art tidher ma' l-erbat irjieħ tad-dinja.



## IT-TMIEN KWADRU

***Qui vicerit dabo ei Sedere Mecum in Throno***
***Min jirbaħ nagħtih joqgħod miegħi fuq it-Tron***
(APOK. 21, v. 7)

It-Tron ta' Ġesu huwa l-Glorja tal-Ġenna, u Ġesu' jwiegħed li jaqsam din il-glorja u din it-tgawdija ma' kull min jirnexxielu joħroġ rebbieħ f'din id-dinja.

Kif is-sinjur tal-parabbola ħallas il-qaddejja li ħaddmu t-talenti tagħhom u qalilhom: "Idħlu fil-Glorja tal-Ġenna", hekk ukoll min jaħdem u jħaddem it-talenti li jkun tah Alla jikseb premju mill-aqwa.

U San Ġorġ kien jistħoqqlu li joqgħod ma' ġenb l-Imgħallem Divin tiegħu, għax San Ġorġ, mhux biss rebaħ il-qawwiet ta' żmienu, iżda sa llum għadu jirbaħ għal warajh numru bla għadd ta' qlub li jridu jimxu fuq il-passi tiegħu, biex miegħu igawdu lil Kristu fil-Saltna ta' Ħena u ta' Sliem, fil-Ġenna.



# IL-KWADRU TAL-QALB TA' ĠESU' IMQIEGĦED GĦAL QIMA FIL-BAŻILIKA TAGĦNA

Bħala parti mill-Programm li ħejja għall-festi Ċentenarji ta' l-Ewwel Mitt Sena mit-Tqegħid ta' l-Ewwel Ġebla tal-Knisja Parrokkjali tal-Fontana kif ukoll fl-okkazzjoni tal-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari tal-Qalb ta' Ġesu' ivvenerat fl-istess parroċċa tal-Fontana, nhar it-Tnejn 7 ta' Ġunju, dan il-Kwadru inġab fil-Bażilika ta' San Ġorġ, fejn saret quddiesa għat-tfal kollha Għawdxin u imbagħad inżomm sal-għada fil-għaxija espost fil-Knisja għall-qima tad-devoti tiegħu. Mijiet ta' membri tal-komunita' parrokkjali tagħna ħadu sehem fil-Korteo li sar l-għada t-Tlieta biex wassal dan il-Kwadru lura fil-Parroċċa tal-Fontana.

Fl-istess okkazzjoni l-Bażilika tagħna kellha l-unur tilqa' fiha lill-Em. Tiegħu l0-Kardinal Francis Arinze, li ħa sehem fil-festi Ċentinarji tal-Fontana. Fir-Ritratt, il-Kard. Arinze jidher jiffirmaw l-Visitor's Book.





"META KARAB IL-BAĦAR" huwa ktieb ġdid ta' poeżiji li Charles Bezzina għadu kif ħareġ. Bosta mill-poeżiji li huma miktubin bl-endekasillabi juru l-iżolament tal-poeta f'konfront ma' l-inġustizzji fil-ħajja konsumistika, mgħaġġla u materjali ta' kuljum. Dan huwa t-tieni ktieb li ħareġ l-awtur. Il-ktieb għandu daħla tal-Professur Oliver Friggieri.

# San Ġorġ Martri fil-Kalendarju Ruman

*jaqbad minn paġna 3*

### *Tlett Kotba Riċenti li Jitkellmu fuq San Ġorġ*

Fl-1990 ħareġ il-ktieb bl-isem "IL-Santorale di Paolo VI" Meditazioni per l'Anno Liturgico ta' Angelo Bonetti. Fl-introduzzjoni tal-ktieb, paġna 9, is-Saċ. Angelo Bonetti kiteb hekk: *'Paolo VI Cantore dei Santi, un paningerista nato dei campioni della Santita' cristiana. Dei Santi egli parlava con entusiasmo e con grande competenża: innumerevoli volte. Ne parlava da esperto, perche dalla Santita' cristiana egli ha fatto profonda. Possiamo dirlo: era un santo e percio' amico e familiare dei santi".* Pawlu VI huwa għannej tal-qaddisin, paniġerista mwieled tal-kampjuni tal-Qdusija nisranija. Fuq il-qaddisin kien jitkellem b'entuzjazjmu u b'kompetenza kbira. Tkellem bħala espert, għaliex mill-Qdusija nisranija kixef esperjenza kbira. Nistgħu ngħidu li kien qaddis u għalhekk ħabib u familjari mal-qaddisin.

F'dan il-ktieb fit-23 ta'April insibu - San Ġorġ Martri tifkira fakoltattiva. L-imsemmi awtur kiteb: *"Di San Giorgio Paolo VI ha parlato alcuni volte, di passaggio, additando il suo esempio ai giovani esploratori. Per molti egli e' il tipo del cavaliere cristiano; forte e leale."* Dwar San Ġorġ il-Papa Pawlu VI tkellem diversi drabi u wrieh bħala eżempju għaż-żgħażagħ esploraturi. Għal kulħadd huwa t-tip tal-kavallier nisrani, qawwi u leali (7).

Ktieb ieħor li ħareġ fis-sena 1992 iġib dan l-isem: I Santi del Calendario Romano, ta' Enzo Lodi. F'paġna 159 naqraw: 23 Aprile San Giorgio Martire (Sec.IV). Fin-nota storico-liturġika naqraw hekk: It-tifkira fakoltattiva tal-Megalomartri ( Martri kbir kif kien imsejjaħ fil-Knisja Griega) meqjum fil-Lidda tal-Palestina sa minn nofs is-Seklu IV għall-knisja mibnija fuq qabru (imfakkar minn Teodosju Arcidjaknu u minn Anonimo ta' Piacenza). Din id-data hija ċelebri wkoll fil-Knisja Biżantina. Hija tgħaqqad il-festa diġa' iċċelebrata f'Ruma fejn wara l-Papa Ljun II (682-683) mar jiddedikalu l-Bażilika tal-Velabro.

Il-kult tiegħu xtered mill-Kroċjati fil-punent fejn il-qaddis kavallier ġie magħżul patrun mhux biss f'Georgia (li ġġib ismu) imma anke ta' Catalogna, f'Aragona, Ingilterra (u fl-1222 ġie proklamat Patrun tas-Saltna Ingliża minn Enriku III), tal-Portugall, tal-Litwanja u xi bliet Taljani bħal Ferrara u Ġenova. (8)

Ktieb ieħor li jitkellem fuq San Ġorġ huwa dak ta' Rino Camilleri li jġib l-isem "I Santi Militari". Dwar San Ġorġ l-awtur kiteb: Imlibbes bl-armi tad-dawl, li huma l-armatura t'Alla, il-korazza tal-ġustizzja, u t-tarka tal-fidi, u f'rasu l-elmu tal-ħarsien u f'idu l-lanza ta' l-ispirtu li hija l-kelma t'Allta skond il-kliem ta' San Pawl f-ittra lir-Rumani u lill-Efesin: hekk jidher dan il-qaddis Palestiniż tar-IV Seklu, li qabru huwa f'Lidda, ħdejn Tel-Aviv, fil-Palestina, f'għadd kbir ta' xbihat.

Il-kult ta' San Ġorġ li baqa' sejjer fiż-żmien tan-nofs u iktar 'l quddiem hija xi ħaġa li ma titwemminx. Kemm-il-darba deher lill-Kroċjati u ġabilhom ir-rebħa. Huwa patrun ta' ħafna bliet u ta' dawk li darba kienu l-Ordni Monastici militari bħat-Templari. (9)

Din hija l-figura ta' San Ġorg imnaqqxa bid-daqqiet ta' pinna fil-Kalendarju Ruman fejn ismu jibqa' jissemma' u l-kult KBIR tiegħu mifrux mad-dinja kollha juri l-popolarita' u l-imħabba li l-ġnus għalenija ma jieqfu qatt ifaħħru lill-Kavallier tal-Kavallieri - San Ġorġ IL-MEGALOMARTRI - IL-MARTRI KBIR.

Riferenzi:

1. P.Giuseppe Monti pine.Compendio del Nouvo Ordinamento Liturgico.p.12
2. L-Uffiċċju Divin. p.1735
3. P. Giorgio Da Riano OFM Cap San Giorgio Grande Martire della Chiesa di Gesu' Cristo.p.9 (Prefazione)
4. Cod. Rubr.p.105
5. Ordo Missae Celebrandae Et Divini Offici Persolvendi, Secundum Calendarium Romanum Generale Pro Anno Liturgico 1992-1993. p.84
6. Georges Gharib. cone di Santi. Storia e Culto. pp.157,158,159.
7. Angelo Bonetti. Il Santorale di Paolo VI p.137
8. Enzo Lodi. I Santi del Calendario Romano. Pregare con i Santi nella Liturgia. p.159.
9. Rino Camilleri. I Santi Militari.pp.33,35.

# ROKNA GĦAT-TFAL

Għeżież tfal,

Il-vaganzi tas-sajf reġgħu magħna. L-iskola spiċċat. Wara tant xhur nistudjaw u nistinkaw biex immorru tajjeb fl-eżamijiet, issa wasal il-ħin tal-mistrieħ. Iżda nwissikom biex dak li bnejtu b'tant għaqal matul ix-xhur tax-xitwa, ma titilfuhx matul is-sajf. F'kelma waħda, irrid ngħidilkom biex il-kotba ma twarrbuhomx u l-istudju ma titilquhx. Ma tkunux bil-għaqal jekk matul il-vaganzi ma tagħmlux ftit reviżjoni ta' dak li tgħallimtu matul is-sena skolastika. Anqas tkunu bil-għaqal jekk ma tħejjux ftit għa-sena li ġejja.

Tfal, il-festa tal-Patrun tagħna San Ġorġ, tinsab magħna mill-ġdid. Kif tinsabu mħejjija għaliha? Naf li f'moħħkom ilkoll kemm intom għandkom il-ħsieb li tiddevertu. Sewwa tagħmlu! Għad li d-divertiment tagħkom għandu jkun bil-qies, prudenti, meqjus u mingħajr eżaġerazzjoni. San Ġorġ ma jieħux gost jarakom iġġibu ruħkom ħażin, l-aktar waqt il-marċijiet. Żgur li ma jieħux gost jarakom tagħmlu u tgħidu ħwejjeġ li ma jixirqu lil ħadd.

Qisu li tkunu minn ta' l-ewwel biex tattendu għall-funzjonijiet ta' Ġewwa, l-ewwel u qabel kollox. Din is-sena, bħas-soltu, ikun hemm il-ġurnata dedikata għalikom. Ma rrid nara 'l ħadd jiġri mat-triqat waqt din il-funzjoni. Dak in-nhar jiġi l-Isqof iqassam il-premjijiet lill-aħjar tifel u tifla taċ-Ċentri tad-Duttrina, u għalhekk ma għandkomx tonqsu milli tkunu preżenti, xejn xejn biex tisimgħu lill-Isqof jagħtikom il-messaġġ tiegħu.

Matul il-ġimgħa tal-festa ikun hemm il-Jum tal-Ġenerożita'. X'ikun dan? In-=nies kollha tal-Parroċċa tagħna joffru xi ħaga ta' l-ikel jew flus biex jitqassmu lil dawk it-tfal u nies oħra li huma inqas ixxurtjati minna. U jiena nistenna u nħeġġiġkom biex anke intom tieħdu sehem f'din il-kampanja ta' karita' organizzata ta' kull sena mill-Parroċċa tagħna. Ħadd minkom m'għandu jonqos li jagħti sehmu biex tfal oħra bħalkom ikunu kuntenti wkoll. B'hekk tkunu qegħdin tagħtu gost ukoll lil San Ġorġ.

Għal-lum daqshekk, tfal. Sakemm nerġgħu niltaqgħu darb'oħra, insellmilkom u nixtieqilkom ilkoll kemm intom il-festa t-tajba. San Ġorġ iħariskom u jberikkom.

*Ciao.*

*Iz-Ziju Peppi.*

LELI PORTELLI

• LEGATURA
• TISWIJA TA' KOTBA
MAGAZINES u
DISSERTATION

97, Aris Street, Xaghra, Gozo.



Tel: 552556

# SAN ĠORĠ - ŻAGĦŻUGĦ TA' DEJJEM

Fuq il-mitt sena sew issa tgħodd Inti,
Dejjem zgħażugħ u l-eqdem patrun tagħna.
Ħabbewk qatigħ l-għeżież missirijietna,
Fi qlubna għadek ħaj, u tibqa' magħna.

M'iniex xi Ġorġ Pisani jew xi Mejlak,
Jew xi Dun Karm, jew x'għannej ieħor kbir,
Imm' għax bid-demm Ġorġjan jiġri ġo fija,
Irrid kif naf irroddlok kull tifħir.

Kemm toħroġ imponenti minn ġon-niċċa,
Żgħażugħ irżin ta' wieħed u għoxrin!
B'ħarstek 'il fuq turina it-triq tas-sema,
Fejn int imxierek hemm, mal-qaddisin.

O x'dehra maestuża minn tal-ġenna
Met' inti minn ġot-Tempju ħiereġ tkun!
Il-ġgajta tilmħek trid kollha ħerqana,
Fuq il-forċini taħt il-pavaljun.

Iċ-ċapċip kbir, l-għajat ta' Viva Ġorġi
Jieqfu għal kollox, u l-Banda La stella
"Lill-Glorjuż Martri", l-innu ta' Giardini,
B'noti ħelwin u kliem minsuġ bizzilla

Sejra tagħnik. Int dik il-melodija
Li tmiss il-kordi ta' qlubna ferħana,
Qlubna San Ġorġ li bik qegħdin jitgħaxxqu,
Imsaħħra jibqgħu bik, w għalik għatxana.

Bħal kif laqgħu lil Kristu nilqgħuk aħna.
Bosta bil-palm f'idejhom ixejrulek;
U dlonk li tibda t-triq tal-purċissjoni,
Il-ward bla għadd, ifuħ aħna nwaddbulek.

Hekk kif tal-Belt Victoria tteħħ id-dawra,
Wiċċek 'il barra ż-żgħażagħ idawruk,
U fuq dirgħajn godlija 'l fuq titgħolla.
Dan hu ġest kbir ta' kemm dawn iħobbuk.

Hemm bosta biss kuntenti jmissu l-lasta;
Dawn kienu jerfgħu minnek fiż-żgħożija;
'Mma llum saħħithom dgħajfa le tħallihom
Jissieltu mal-oħrajn, aktar qawwija.

Agħmel li ma jfittxux unuri fiergħa,
Li jimitaw l-eżempju qaddis tiegħek:
Żeblaħt l-editt tal-kbir Dijoklezzjanu,
U b'hekk urejt il-qawwa minn ta' drieghek.

Għalhekk minn kull għelt begħ'dhom O kbir Ġorġi.
Agħmel li qalbhom tibqa' bik tithenna,
Li bil-misħuta droga le jiġġarrfu,
Sabiex iduqu l-benna minn tal-ġenna.

Kemm għadni nħossni kburi li nġib ismek,
L-isem tan-nobbli Ġorġi minn ta' Lidda!
Kemm hu miskin min qal l-Int leġġendarju!
Ma jafx li d-dawl ta' Kristu fuqek idda.

*Ġorġi*

# Nifirħulu u Nawgurawlu

L-Arċipriet, il-membri tal-Kapitlu u l-Presbyterium tal-Kolleġġjata bażilika ta' San Ġorġ, kif ukoll il-Komunita' parrokkjali kollha jixtiequ jingħaqdu mal-W.Rev. Mons. Antonio Grech Vella, Cappellano di Sua Santita' u Teżorier tal-Kapitlu Ġorġjan, kif ukoll Prokuratur żelanti u ħabrieki, sabiex iroddu ħajr lil Alla f'għeluq il-50 Anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali. Filwaqt li jwiegħduh it-talb tagħhom, jixtiequlu AD MULTOS ANNOS.



**Ħinijiet tal-Quddies Fil-għaxija:**
**Matul il-ġimgħa: Fil-5.30pm u fis-7.00pm**
**Ħdud u Festi : Fil-5.00pm**

# GWARNIĊ TA' VINTARTAL ĠDID

Bi tħabbrik u fuq inizjattiva tal-W.R. Mons. Ant. Grech Vella, din is-sena, fil-Festa ta' San Ġorġ, se jiżżanżan Gwarniċ Ġdid Indurat bid-deheb għall-artal ta' San Lazzru. Dan il-gwarniċ kien inħadem xi żmien ilu minn Felic Attard u Ġorġ Gauci, u l-iskultura tiegħu kienet saret minn Salvu Farrugia, illum emigrant fil-Kanada. Issa ġie indurat bid-deheb mill-indoratur Horace Farrugia, mill-Imdina. Naċċettaw kull offerta sabiex nkopru l-ispiża kollha li saret.

Ta' min isemmi wkoll li għalkemm kienu ordnati ż-



żewġ gwarniċi ta' rħam tal-Kappella tas-Sagrament, wieħed għan-niċċa ta' Ġesu' Marija u l-ieħor tal-bieb ta' quddiem din in-niċċa, ma kienx possibbli li jitlestew sal-jiem tal-festa minħabba pressjoni ta' xogħol li kellu l-Marmista Ronald Pisani. Nittamaw li fix-xhur li ġejjin dan il-gwarniċi jitqiegħda f'posthom.

# QUDDIEM L-ISTATWA TITULARI TA' SAN ĠORĠ

Tgħajjat il-folla Ġorġjana bi ħgarha
kull sena f'daż-żmien, fiċ-ċentru tal-gżira,
meta ta' Lulju l-jiem jerġgħu magħna
Għax lilek, San Ġorġ, il-poplu jammira.

Fuq żiemel bħar-riħ, Int tiġi hawn fostna
biex, ġewwa dil-ġawhra ta' belt ta' pajjiżna,
kuruna ninsġulek, ta' weraq u fjuri:
magħqudin miegħek; hekk Alla iridna!

F'dil-binja ta' qalbna, San Ġorġ insellmulek
ma' Preti ningħaqdu flimkien biex ngħidulek-
Bażilika bnejnielek fejn Int tgħammar fostna,
b'kull ġid: deheb u fidda, din darek ngħammrulek.

Lil dat-titular; fost l-eqdem ġo artna,
O Ġorġi kull sena, f'nofs Lulju nżejnulek,
Minn siġra Azzopardi il-Malti mar sawrek
U b'din l-isbaħ statwa aħna festa nagħmlulek.

Bil-palm O San Ġorġ, purċissjoni
Indawru mat-toroq ta' din il-belt tagħna,
mat-tokki tal-Glorja ta' l-innu ta' Vella
Int tixref mill-knisja - nistħajlek qed magħna!

Ma' l-għajta taż-żgħażagħ u l-banda La Stella
tingħaqad il-ġemgħa f'dil-pjazza ta' beltna
biex aktar minn darba f'dil-ġimgħa ta' festa
fil-marċi brijużi, fost ferħ kbir, tirrenja

Dik l-għajta qalbiena lil dal-patrun tagħna
"San Ġorġ, O San Ġorġ, Kbir martri ta' Lydda,
Kun Int illi ddawwal lil Għawdex gżiritna
kif dfi żmien il-pesta id-dawl tiegħek idda;

U qawwi fost niesna l-imħabba lejn Alla
bix wara l-ħolma li ngħixu f'did-dinja,
niġu ngawduk għal dejjem fis-sema
u b'hekk skop il-ħajja żgur jilħaq il-milja!"

*Nathaniel Attard*
*Victoria - Frar 1993*

## Quddiesa lit-Tfal mil-Leġjun ta' Marija



Fl-okkażżjoni ta' l-elf laqgħa tal-Presidium "Maria Ferħ Tagħna", nhar il-Ħadd 23 ta' Mejju 1993 fiċ-Ċentru Parrokkjali tagħna ġiet organiżżata quddiesa bil-parteċipazzjoni tat-tfal tal-Parroċċa. Waqt iċ-ċelebrazzjoni it-tfal kollha offrew warda lill-Madonna u tqassmu 'book-marks' ta' l-okkażżjoni.

A+M PRINTING LTD. - QALA